# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 10/2021/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

*Omissis*
**Brendan Cachia**

Illum 25 ta' Marzu 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra *Omissis* u l-appellant **Brendan Cachia**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 075487(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. fl-1 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' bejn l-05:00hrs u l-05:15hrs ta' filgħodu ġewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa,

ikkommettew serq ta' *mobile* minn fuq il-persuna ta' Anthony Cutajar, anzjan ta' sebgħa u sittin sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-ħin għad-dannu ta' l-istess Anthony Cutajar;

*Omissis* akkużat waħdu talli:

1. fl-1 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' bejn l-05:00hrs u l-05:15hrs ta' filgħodu ġewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Anthony Cutajar anzjan ta' sebgħa u sittin sena, liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikata minn Dr. Nicholas Fava tal-Berġa tas-Saħħa tal-Floriana;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Anthony Cutajar anzjan ta' sebgħa u sittin sena, kontra l-volonta' tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex jkun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. datata 24 ta' Diċembru 2018 li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;

4. fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Lil Brendan Cachia akkużat waħdu talli:

1. fl-1 ta' Jannar 2021 u ż-żminijiet ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni DBS

341 ta' l-għamla Toyota mingħajr liċenzja tas-sewqan, b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel użu minn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBS 341 ta' l-għamla Toyota mingħajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskju ta' terzi persuni;

3. fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll Artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' Anthony Cutajar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Lulju 2022, fejn il-Qorti,

a. Filwaqt li ma sabitx lill-imputat <u>*Omissis*</u> ħati tat-tieni (2) imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu u b'hekk illiberatu minnha, wara li rat Artikoli 20, 31, 49, 214, 215, 221(1) 261(a)(f), 262(1)(a)(2), 270, 274(ċ), 276A, 277(a) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat *Omissis* ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha dedotti fil-konfront tiegħu, ossia ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputat Brendan Cachia flimkien u ħati ta' l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni dedotti kontrih kif ukoll qiesitu bħala reċidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet

ta' Malta u kkundannatu għall-perijodu ta' erba' (4) snin priġunerija.

*Ai termini* ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' elfejn Euro (€2,000) mid-depożitu ta' erbat elef Euro (€4,000) impost fuq l-imputat *Omissis* bid-digriet għall-ħelsien mill-arrest datat 24 ta' Diċembru 2018 maħruġ minn, dak iż-żmien, Maġistrat Dr. Audrey Demicoli.

Peress illi l-konfiska hija biss ta' parti mid-depożitu ta' erbat elef Euro (€4,000) impost fuq l-imputat *Omissis* bl-imsemmi digriet għall-ħelsien mill-arrest datat 24 ta' Diċembru 2018, sabiex huwa ikun jista' jkompli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilu hekk konċess bl-imsemmi digriet wara tali konfiska parzjali tad-depożitu, l-Ewwel Qorti ddikjarat li huwa jkollu jerġa' jiddepożita l-ammont hekk konfiskat u jerġa' jagħmel garanzija għall-ammont kollu oriġinarjament ordnat. L-Ewwel Qorti ddikjarat ukoll li fin-nuqqas li jagħmel dan l-imputat ma jkunx qed jottempera ruħu ma' dak fuqu impost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u b'hekk ikun qed jirrendi lilu nnifsu soġġett għar-riarrest tiegħu sakemm jiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċju lilu konċess.

Peress illi mis-*Social Inquiry Report* imħejji fir-rigward ta' l-imputat *Omissis* l-Ewwel Qorti rriżultalha li huwa jeħtieġ sessjonijiet ta' terapija sabiex jaħdem fuq l-emozzjonijiet tiegħu, fuq l-assertivita', mistħija kif ukoll jitgħallem jesprimi lilu nnifsu, jeħtieġ għajnuna psikjatrika sabiex ikompli jindirizza l-problema ta' saħħa mentali u jeħtieġ programm residenzjali sabiex jindirizza l-problema tad-droga li huwa għandu u li ilha tiddomina għal diversi snin, *ai termini* ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħdet lill-imputat *Omissis* taħt Ordni ta 'Trattament għall-perjodu ta' erba' (4) snin dekorribbli mid-data tad-digriet ta' Ordni ta

Trattament mogħti mas-sentenza u taħt it-termini u kundizzjonijiet stipulati f'tali digriet, liema digriet ġie anness mas-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

*Ai termini* ta' Artikolu 412D(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat *Omissis* bi kliem ċar u li jinftiehem illi jekk f'xi żmien matul il-perijodu operattiv tal-Ordni ta' Trattament huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kundizzjoni tal-istess Ordni, kemm-il darba dan jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-Qorti huwa jista' jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

*Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat *Omissis* iħallas is-somma ta' ħames mija u tnejn u disgħin Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€592.73) rappreżentanti nofs l-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Tekniku John Sacco[1] u ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[2].

b. Filwaqt li ma sabitx lill-imputat <u>Brendan Cachia</u> ħati tat-tieni (2) imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu u b'hekk illiberatu minnha, wara li rat Artikoli 20, 31, 42(d), 43, 49, 50, 261(a)(f), 262(1)(a)(2), 270, 274(ċ), 276A, 277(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Brendan Cachia ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha dedotti fil-konfront tiegħu, ossia ħati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputat *Omissis* flimkien u ħati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu u qiesitu bħala reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9

[1] Spejjeż totali ammontanti għal disa' mija u dsatax-il Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€919.46) (*a fol.* 140).
[2] Spejjeż totali ammontanti għal mitejn u sitta u sittin Euro (€266.00) (*a fol.* 272).

tal-Liġijiet ta' Malta u kkundannatu għall-perijodu ta' erba' (4) snin priġunerija.

*Ai termini* ta' Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti skwalifikat lill-imputat Brendan Cachia milli jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tliet (3) snin dekorribbli mid-data meta s-sentenza tgħaddi in ġudikat.

Peress illi mis-*Social Inquiry Report* imħejji fir-rigward ta' l-imputat Brendan Cachia l-Ewwel Qorti rriżultalha li huwa jeħtieġ l-għajnuna għar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, *ai termini* ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta poġġiet lill-imputat Brendan Cachia taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' erba' (4) snin dekorribbli mid-data tad-digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti mas-sentenza u taħt it-termini u kundizzjonijiet stipulati f'tali digriet, liema digriet kien anness mas-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

*Ai termini* ta' Artikolu 412D(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat Brendan Cachia bi kliem ċar u li jinftiehem illi jekk f'xi żmien matul il-perjodu operattiv ta' l-Ordni ta' Trattament huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kundizzjoni tal-istess Ordni, kemm-il darba dan jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-Qorti huwa seta' jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

*Ai termini* ta' Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska tal-vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni DBS 341, b'dan illi l-Ewwel Qorti qieset li minkejja li din il-vettura hija reġistrata f'isem Joseph Cachia mill-provi rriżultalha li fil-verita' jagħmel użu minnha u jsuqha l-imputat Brendan Cachia u dana minkejja li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu ilha revokata sa mill-21 ta' Mejju 2009.

*Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat Brendan Cachia jħallas is-somma ta' ħames mija u tnejn u disgħin Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€592.73) rappreżentanti nofs l-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Tekniku John Sacco[3] u ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[4].

Rat ir-Rikors tal-appellant Brendan Cachia ppreżentat fid-19 ta' Lulju 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appellant ħati,* ***tħassar u tirrevoka*** *dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena; jew alternattivament* ***tirriforma*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant Brendan Cachia eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023 (*a fol.* 607 *et seq*.), din il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellant Brendan Cachia sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

[3] Spejjeż totali ammontanti għal disa' mija u dsatax-il Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€919.46) (*a fol.* 140).
[4] Spejjeż totali ammontanti għal mitejn u sitta u sittin Euro (€266.00) (*a fol.* 272).

Rat in-Noti pprezentati mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fit-2 ta' Ottubru 2024 (*a fol.* 658), fl-14 ta' Ottubru 2024 (*a fol.* 663), fit-13 ta' Jannar 2025 (*a fol.* 666) u fl-14 ta' Jannar 2025 (*a fol.* 668) fejn il-Bord informa lil din il-Qorti li ma kienx sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-appellant Brendan Cachia u fejn għalaq il-każ tiegħu bħala wieħed mhux b'suċċess b'konsegwenza ta' liema, fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2025 (*a fol.* 667), din il-Qorti waqfet milli tibqa' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-7 ta' Lulju 2022. Għal kull buon fini jingħad li quddiem l-Ewwel Qorti ġew mressqa taħt arrest żewġ persuni ossia l-appellant Brendan Cachia u kif ukoll ċertu Elton Brincat u huma ġew akkużati bl-imputazzjonijiet elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza. L-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha fil-konfront taż-żewġ persuni msemmija minn liema sentenza appellaw it-tnejn li huma. Jingħad ukoll li Elton Brincat miet wara li ġie pprezentat ir-Rikors tal-appell tiegħu bil-konsegwenza li fis-seduta tat-2 ta' Frar 2023 (*a fol.* 577 *et seq.*) din il-Qorti ddikjarat l-proċediment estint fil-konfront tiegħu. Din is-sentenza tallum tirrigwarda r-Rikors tal-appell tal-appellant Brendan Cachia.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw serqa li seħħet fl-1 ta' Jannar 2021 għal ħabta tal-5.00am fi Triq is-Salib, il-Marsa fejn allegatament Elton Brincat aggredixxa lill-parti leża Anthony Cutajar anzjan ta' sebgħa u sittin (67) sena u ħadlu l-*mobile*. Dan l-istess *mobile* nstab fil-pussess tal-appellant Cachia li kien qed jużah.

Illi Brincat jgħid li kien qed idur fil-vettura ma' l-appellant Cachia u meta kienu għaddejjin mill-Marsa ltaqgħu ma' persuna femminili

(liema persuna qatt ma ġiet identifikata minn Brincat) li ndikatilhom lill-parti leża Anthony Cutajar u qaltilhom li kien persuna li jieħu qata' malajr. Fi kliem Brincat huwa ddeċieda li jagħmillu ċajta b'dan illi l-appellant l-ieħor Cachia waqqfu ħdejn il-pompa tal-*petrol*, tah qata' fejn l-appellant waqa' mal-art. Minn hemmhekk Brincat jgħid li beża' u ħarab iżda ftit il-bogħod sab *mobile*, ġabru u baqa' sejjer bih. Ikompli li dan il-*mobile* wara ftit għaddieh lill-appellant l-ieħor u ma rċieva l-ebda ħlas għalih. Jispjega li wara dan l-inċident l-appellant Cachia wasslu d-dar.

Illi minn naħa tiegħu, l-appellant Cachia fl-istqarrija tiegħu jikkonferma li huwa juża l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBS 341 u li dakinhar tal-akkadut kien hu li kien qiegħed isuq. Jispjega li huwa ġabar lil Brincat u marru l-Marsa. Jgħid li kien fil-vettura ma' Brincat meta dan tal-aħħar qallu sabiex iwaqqfu ħdejn il-pompa tal-petrol fejn Brincat niżel mill-vettura. Jgħid li f'dak il-mument waqalu l-*mobile*, ġabru u telaq. F'dak il-mument l-appellant Cachia jgħid li reġa' startja l-vettura u mar jistenna ftit il-bogħod. Jispjega li wara ftit wasal Brincat u ġie mistoqsi x'għamel u jidher li semma li kien hemm raġel u waqa' mal-art. L-appellant Cachia jgħid li qal lil Brincat sabiex irodd lura l-*mobile* li kien ħa.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant Cachia fir-Rikors tal-appell tiegħu jkun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Victor Edward Cassar** (Numru 15/2003), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi dan l-aggravju tal-appellant jirrigwarda bażikament l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa kif ġie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta u anki kif illum preseduta, *"prinċipju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax faċilment l-apprezzament tal-provi*

> *magħmul mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha."* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" 10.5.02 u oħrajn). Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx *"safe and satisfactory"* li tinstab il-ħtija addebitata lill-appellanti."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant Cachia fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament u interpretazzjoni żbaljata tal-provi prodotti quddiemha u li b'hekk applikat il-prinċipji legali b'mod żbaljat. L-appellant jisħaq li huwa u Brincat iddeċidew li jwieġbu għal mistoqsijiet li saru mill-investigaturi. Jirreferi għal fatt li l-Ewwel Qorti f'paġna 8 tas-sentenza tagħha tgħid li dak li huma qalu kien biss tentattiv sabiex jiskolpaw rwieħom u xejn aktar. L-appellant jaqbel mal-Ewwel Qorti sa fejn dan jirreferi għal Brincat. Jispjega li dak li qal kien limitat għal fatt li huwa ma kienx jaf b'dak li kellu f'moħħu Brincat. Jisħaq li huwa jsib komfort fil-fatt li l-verżjonijiet huma kunfliġġenti minħabba li dan ifisser li waħda minnhom hija veritjera. Jilmenta dwar il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti minħabba li xhud wieħed jekk emmnut huwa biżżejjed sabiex il-Qorti tasal għal konvinċiment morali tagħha. Ikompli li huwa qatt ma sgwida lill-investigaturi u kien huwa li kkonferma li l-vettura kienet tiegħu. Jisħaq li ma huwa xejn ċar mill-provi li hu kellu l-intendiment ma' Brincat li jwettqu r-reat. Jgħid li jirriżulta li sabiex jinstab ħati bħala kompliċi kellu jkun hemm prova ta' disinn komuni. Jargumenta li l-unika prova li l-Ewwel Qorti ndikat kien il-filmat tas-*CCTV* u jisħaq li l-filmat u l-istqarrija magħmula minnu

jaqblu b'dana li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tgħid li l-verżjoni tiegħu mhijiex affidabbli u dana dejjem fil-kuntest li meta sar jaf x'għamel Brincat, huwa talab sabiex imur isib lill-parti leża. Ikompli li l-provi ndikati mill-Ewwel Qorti kienu biss provi cirkostanzjali.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li fis-sentenza appellata ngħad hekk (*a fol.* 515):

> "Għalkemm entrambe l-imputati jippruvaw jeżimu ruħhom minn kull responsabilità kriminali fir-rigward ta' l-akkadut, bl-imputat Elton Brincat jgħid li huwa kemm ried jagħti qata' lil Anthony Cutajar u li l-*mobile* li ħa kien sabu ma' l-art u bl-imputat Brendan Cachia jgħid li huwa ma kien jaf b'xejn la x'setgħet kienet l-intenzjoni ta' l-imputat Elton Brincat jew x'għamel Elton Brincat, din il-Qorti ma hijiex affattu konvinta mill-iskużi minnhom imressaq.
>
> Jibda biex jingħad li l-verżjonijiet mogħtija mill-imputat Elton Brincat u mill-imputat Brendan Cachia dwar kif ġie *targeted* Anthony Cutajar assolutament ma jaqblux. Filwaqt li l-imputat Elton Brincat qal li kien hemm mara, li għal raġunijiet li jaf huwa biss baqa' jinsisti li ma jidentifikax min hi u anke filli qal li jafha u filli qal li ma jafhiex, li kienet qalet lilu u lil Brendan Cachia li Anthony Cutajar kien raġel li jieħu qtajja mix-xejn u b'hekk għażlu li jagħmlu ċajta fuqu, l-imputat Brendan Cachia li bla dubju ta' xejn kien fil-karozza flimkien ma' l-imputat Elton Brincat – in effetti kien hu li qed isuq il-vettura – jgħid li l-imputat Elton Brincat qallu biex isuq lejn Anthony Cutajar mingħajr ma jgħidlu xejn wisq iktar minn hekk u ħlief li ried ikellmu. Kieku l-verżjonijiet tagħhom kellhom mill-verità wieħed kien jippretendi li jkunu jaqblu partikolarment meta kienu flimkien fl-istess karozza fl-istess ħin.

> Anke għal dak li jirrigwarda l-*mobile* u kif dan ittieħed mill-imputat Elton Brincat, il-Qorti assolutament ma temminx li l-imputat Brincat sempliċement għabru mill-art ftit 'l bogħod minn fejn kien hemm Anthony Cutajar ma' l-art. L-ewwel nett meta l-*mobile* kien hekk viċin ta' Anthony Cutajar huwa ċert li l-ewwel ħaġa li tgħaddi minn moħħ dak li jkun hija li dak il-*mobile* huwa x'aktarx ta' dik il-persuna – in effetti mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li l-*mobile* li eventwalment instab fil-pussess ta' l-imputat Brendan Cachia kien il-*mobile* ta' Anthony Cutajar – u li kieku verament kull ma ried l-imputat Brincat kien li jagħmel ċajta fuq Anthony Cutajar u xejn iktar, żgur illi jew kien jgħinu jqum u jagħtih il-*mobile* lura jew ta' l-inqas il-*mobile* ma jmissux u jħallih hemm.
>
> Lanqas ma hija assolutament konvinta l-Qorti mill-allegata intenzjoni ġenwina ta' l-imputati Elton Brincat u Brendan Cachia li jirritornaw il-*mobile* lil Anthony Cutajar."

Illi aktar tard fis-sentenza appellata jingħad hekk (*a fol.* 517):

> "Fil-fehma tal-Qorti, kif del resto ġia iktar 'l fuq osservat, filwaqt li l-imputat Elton Brincat jirriżulta 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li huwa l-awtur tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin a detriment ta' Anthony Cutajar, jirriżulta daqstant 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat Brendan Cachia kien kompliċi f'dan ir-reat hekk ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 42(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta."

Illi din il-Qorti tinnota, kif qalet l-Ewwel Qorti, li jidher b'mod ċar li l-appellant Cachia flimkien ma' Brincat kienu qed iduru fl-inħawi

fejn saret l-aggressjoni u s-serqa. Mir-ritratti li hemm annessi mat-*Timeline* (Dok. "SB 1" – *a fol.* 79 *et seq.*) huma jidhru jgħaddu tliet darbiet mill-istess triq fi ftit minuti. Dan huwa sintomu li t-tnejn li huma kienu qed iħufu u jfittxu xi ħaġa partikolari u dan sakemm fil-fatt għal 5.10am sabu, fil-fehma ta' din il-Qorti, lill-parti leża bħala *target*.

Illi huwa minnu dak li jgħid l-appellant li xhud wieħed jekk emmnut huwa biżżejjed sabiex il-Qorti tasal għal konklużjoni tagħha iżda lanqas ma hemm obbligu għal Qorti li temmen xi wieħed mix-xhieda u dana speċjalment f'dan il-każ fejn l-appellant u Brincat jidhru jduru madwar l-istess post b'mod ripetut.

Illi din il-Qorti qajla tista' temmen il-verżjoni tal-appellant Cachia meta jgħid li ma kienx jaf x'kellu f'moħħu Brincat u dana qiegħed jingħad peress li wieħed ma jaġixxix b'mod furtiv bħal ma għamel l-appellant fil-5.00am mingħajr ma jkollu xi intendiment partikolari. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant Cachia kien ben konsapevoli ta' dak li kien ser jiġri tant li ma baqax jistenna lil Brincat fl-istess post iżda mexa aktar 'il quddiem biex donnu ma jibqax fl-akkwati. Iżda dak li din il-Qorti tikkunsidra bħala proprju l-element li jorbot lill-appellant Cachia mar-reat huwa l-fatt li huwa nstab fil-pussess tal-*mobile* u dana peress li kieku huwa ma riedx ikollu x'jaqsam mar-reat tal-inqas huwa kien jgħid lil Brincat li ma riedux darba li mill-istqarrija tiegħu hu kien ben konxju ta' minn fejn ġie.

Illi rigward l-intendiment li huwa neċessarju sabiex l-appellant Cachia jiġi dikjarat kompliċi, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Antonio Borg et** (Numru 99/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "30. Il-kompliċita fil-kummissjoni ta' reat isseħħ meta persuna:

(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew

(b) tkun ġielgħet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorita' jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew

(c) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew

(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew

(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.[5]

31. Irid jirriżulta d-diżinn komuni bejn l-awtur u l-kompliċi ossija dak li huwa komunement magħruf bħala *common design* – l-istess ħsieb li jirnexxi fil-pjan li jakkomuna lilu u lill-awtur tar-reat. Il-kompliċi jrid ikun

[5] "Skont il-Professur Sir Anthony Mamo, **Notes on Criminal Law**, Volume I, sabiex persuna titqies kompliċi l-aġir tagħha jrid ikun volut u magħmul:

> With the purpose of assisting the perpetration of that offence...a defendant charged as an accomplice must be proved to have done something in furtherance of a common purpose i.e. he must procure, incite or, in some other way specified in the law, encourage or assist in the act done by the principal...In order that it may be said that a man has concurred in an offence committed by another, it is necessary that he should have done some effort for the offence to be committed so that a causal connection can be traced between such an effort and the commission of the offence."

konxju tal-ħsieb li l-awtur tar-reat ikollu f'moħħu li jwettaq, irid ikun jaf dan il-ħsieb x'inhu, u l-kompliċi jrid ukoll ikun intenzjonat illi jwettaq xi ħaġa li permezz tagħha l-att kriminuż li jkun f'moħħ l-awtur tar-reat ikun jista' jirnexxi. M'hemmx għalfejn li l-kompliċi jwettaq azzjoni ta' kommissjoni; huwa biżżejjed li l-azzjoni tal-kompliċi tkun limitata għal support morali u psikoloġiku sabiex isaħħaħ ir-rieda tal-awtur tar-reat biex dan tal-aħħar iwettaq ir-reat. Allura anke s-sempliċi appoġġ lill-awtur tar-reat jista' jikkwalifika persuna bħala kompliċi, dment li jkun hemm id-diżinn komuni bejniethom. Lanqas huwa neċessarju li l-pjan kriminuż jirnexxi, għaliex skont il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Noti tiegħu, huwa suffiċjenti li jkun hemm biss il-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt miftiehem.[6]"

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dylan McKay** (Numru 523/2016) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

---

[6] "Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Kenneth Camilleri** deċiż nhar il-15 ta' Jannar 2015 intqal:

> Illi l-common design u ċioè "the two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it" huwa ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi, u allura lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi Kenneth Micallef a bażi tal-Artikolu 43(d) irrenda ruħu kompliċi billi "b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat."

Ukoll, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Ahmed El Fadali Enan** deċiż nhar l-20 ta' Settembru 2018 ġie mistqarr:

> Kwindi irid ikun hemm dak komunement indikat bħala l-'common design' bejn l-awtur u l-kompliċi u l-komportament tal-kompliċi irid ikun intenzjonat sabiex l-att kriminuż jirnexxi. In oltre l-Professur Mamo, jindika b'mod ċar li trid tirriżulta mill-inqas il-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt miftiehem, mingħajr il-ħtieġa tal-konsumazzjoni intiera, fejn allura l-kompliċita' tista tirriżulta ai fini ta' reati tentati skont id-dettami tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali."

"Illi allura l-appellant li kien preżenti fuq ix-xena tar-reat flimkien mal-eżekutur materjali tad-delitt jista' jitqies illi huwa ko-awtur jew fl-agħar ipotesi bħala kompliċi, billi, kif ingħad, tinġieb il-prova tal-allegat ftehim bejnu u bejn persuna waħda jew aktar. Dan għaliex irid neċessarjament jiġi ippruvat dak li komunement huwa imsejjaħ l-*'common design'* bejn l-awturi u/jew l-kompliċi u l-komportament tal-istess irid jindika lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni illi ikun intenzjonat sabiex l-att kriminuż jirnexxi. Dan il-komportament jew intenzjoni irid jirriżulta mill-inqas mill-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt miftiehem, mingħajr il-ħtieġa tal-konsumazzjoni kompluta. Dan għaliex:

> "Il-korreu mhux ristrett għal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv iżda jikkomprendi anke dawk li jipparteċipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali għall-esekuzzjoni tar-reat.[7]"

Illi din il-Qorti analizzat bir-reqqa d-deposizzjonijiet tal-parti leza billi dan kien l-uniku xhud li seta' jitfa dawl fuq dan l-event kriminuż. Issa l-Ewwel Qorti għoġobha tagħti affidament lil dan ix-xhud, għalkemm kif ingħad ix-xiehda tiegħu mhijiex waħda konsistenti. Madanakollu fit-termini tal-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti."

Illi huma sinifikanti l-eżempji li ġew mogħtija fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ali**

[7] "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Etienne Carter** – App. Sup. 14/12/2004."

**Mehemed Kreta** (Numru 27/1997) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) ikkonfermat li anke l-kompliċita' fil-pussess tad-droga huwa possibbli u qalet hekk:

> "Jekk persuna għandha bżonn post biex taħżen xi droga u persuna xjentement tikri jew tislef post għal dan l-iskop, dik il-persuna tkun għenet jew assistiet lill-awtur tar-reat ta' pussess u għalhekk saret kompliċi skont il-paragrafu (d) ta' l-Artikolu 42 tal-Kap. 9. Issir referenza għall-eżempju mogħti mill-Ewwel Qorti fl-indirizz tagħha (p. 33):
>
> > "Nagħmlu mod jiena per eżempju tajt *lift* lil xi ħadd u naf li dak ix-xi ħadd sejjer f'dak il-post għax taħt ġebla ħa jsib kilo eroina per eżempju għax xi ħadd ħallihielu hemm hekk, jien inkun kompliċi fil-pussess tal-eroina.""

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-intendiment li jissemma aktar 'il fuq f'din is-sentenza u li huwa neċessarju sabiex l-appellant Cachia jiġi dikjarat kompliċi jirriżulta ferm ċar mill-aġir tiegħu u ċioè mill-fatt li flimkien ma' Brincat huma qagħdu jduru fl-istess akwati sakemm raw lill-parti leża u wara Brincat ħareġ mill-vettura wettaq l-aggressjoni u ftit il-bogħod kien hemm l-appellant Cachia jistennih. B'hekk ġie ppruvat il-*common design* 'l hemm minn kwalunkwe dubju. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha bil-konsegwenza li l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. L-appellant jissottometti li ċ-ċirkostanzi jimmeritaw aktar kunsiderazzjoni b'dan illi jisħaq li fid-dritt penali l-ġustifikazzjoni tal-piena għandha tkun bbażata fuq

tliet prinċipji kardinali, fosthom l-aspett ri-redukattiv. Jisħaq li l-piena għandu jkollu effetti ri-edukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Jgħid li għandu jingħata ċ-ċans jerġa' jintegra ruħu fis-soċjeta' u jisħaq li l-piena ma għandhiex isservi bħal tpattija. Jgħid li huwa għandu bżonn l-għajnuna sabiex jgħix ħajja barra l-ħabs mingħajr element kriminoġeniku. L-appellant jitlob li f'każ li din il-Qorti tikkonferma l-ħtija tiegħu, hija għandha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. William Caruana** (Numru 340/2019) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "6. Inoltre f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-Ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:

It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, *'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges'* (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.'* Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or

> alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction."

7. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn

Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita', dawn il-prinċipji huma rifless tal-prinċipju l-ieħor li meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti) li kien jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga' ngħad,

> *"sentencing is an art rather than a science"* u wieħed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identita' perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' każ ma' ieħor jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor.

> 8. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibbilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat peress li taqbel miegħu, meħud in konsiderazzjoni tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant allura imputat instab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti u li din il-Qorti kkonfermat l-istess, din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha. Għaldaqstant l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

Illi l-appellant għandu jifhem li jekk verament irid ibiddel ħajtu, huwa għandu **<u>verament</u>** jagħmel l-isforzi kollha tiegħu sabiex jibdel ħatju. Din il-Qorti tagħtu opportunita' tad-deheb meta assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga bil-konsegwenza ta' liema, kieku l-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga għalaq il-każ tiegħu b'suċċess, kieku huwa seta' jibbenifika minn piena ferm u ferm aħjar għalih.

Illi għandu jingħad li permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Ottubru 2023 (*a fol.* 643 *et seq.*), in segwitu ta' Rikors ippreżentat minn Joseph Cachia, din il-Qorti ordnat ir-rilaxx tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBS 341 li l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska tagħha. Għaldaqstant dan ser jiġi rifless fil-parti tad-*decide* ta' din is-sentenza.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Brendan Cachia u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha għajr għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat il-konfiska tal-vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni DBS 341 u dan in segwitu ta' digriet mogħti minn din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru 2023 (*a fol.* 643 *et seq.*) b'dan illi kwalunkwe terminu msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**